# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.,(HONS.), LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Novembru 2001**

**Numru  9**

**Rikors Kost. numru:  753/00 GCD**

**Anthony Pace**

**vs**

**Avukat Generali, Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp; u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

**<u>Id-Digriet Appellat</u>**

Dan hu appell mis-segwenti provvediment tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha Kostituzzjonali moghti fit-3 ta' Novembru 2000 fil-kawza fl-ismijiet premessi dwar min hu

legittimu kontradittur meta r-rikorrent jallega illi ma jkunx inghata smiegh xieraq minn tribunal amministrattiv.

> "Dan il-provvediment huwa dwar min hu l-kuntradittur legittimu meta r-rikorrent jallega li ma nghatax smigh xieraq minn tribunal amministrattiv.
>
> Ir-rikorrent qed ighid illi ma nghatax smigh xieraq mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, imwaqqaf taht l-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, meta dak il-bord ta decizjoni dwar talba tar-rikorrent biex jinghata permess ghal zvilupp. Ghalhekk fetah din il-kawza ghal rimedju taht l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u libertajiet fondamentali tal-Bniedem u harrek biex iwiegbu ghal din it-talba tieghu lill-Avukat Generali, lill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.
>
> L-Avukat Generali wiegeb, *inter alia*, li hu kien imharrek ghal xejn. L-intimati l-ohrajn ukoll wiegbu li ma humiex kuntradittturi legittimi ghat-talbiet tar-rikorrent ghax "l-ilment tal-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ghal smigh xieraq mhijiex fil-konfront tad-decizjoni tal-Kummissjoni izda fil-konfront tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, ... ... ... bord kompletament indipendenti mill-awtorita' u mill-kummissjoni u ghaldaqstant kemm l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kif ukoll id-delegat tieghu u *cioe'* il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ... ... ..."
>
> Kif sewwa qal ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu[1], il-kwistjoni hi jekk il-kuntradittur legittimu f'din il-kawza kellux ikun il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar flok l-intimati tallum. Irridu ghalhekk naraw jistax ikun li dak il-bord ikun imharrek f'kawza.
>
> Biex isahhu t-tezi taghom li l-bord jista' jkun imharrek f'kawza, u ghalhekk, bhala l-kuntradittur legittimu, kellu jkun imharrek flokhom, l-intimati semmew decizjoni moghtija minn din il-qorti fid-19 ta' Novembru 1996 *in re* **Victor Bonavia *versus* L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**:

---

[1] Fol. 97.

"*Ma hemmx dubju li tribunal jew qorti presjeduta jew komposta minn imhallef jew minn magistrat ma tistax tkun parti f'kawza, anke ta' natura kostituzzjonali, fejn ikun qed jigi sindakat l-operat ta' dak it-tribunal jew qorti. Tali kawza trid issir jew kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Il-pozizzjoni hija differenti ghal dak li jirrigwarda tribunali amministrattivi, cioe' li la jkunu presjeduti u lanqas komposti minn imhallfin jew magistrati. Ma hemm xejn fil-ligi jew fil-gurisprudenza li, bhala regola, josta li tali tribunal ikun parti f'kawza, aktar u aktar meta si tratta ta' kawza kostituzzjonali. Il-Qorti ezaminat id-disopsizzjonijiet ta' l-Att Numru I ta' l-1992 u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tieghu, u ma tara li hemm xejn li b'xi mod jimpedixxi li l-Planning Appeals Board jigi mharrek f'kawza kostituzzjonali, cioe' bhala parti fil-kawza.*"

Din il-qorti, bir-rispett kollu, ma taqbilx ma' dan ir-ragunament.

Il-qorti ma taqbilx li l-kriterju biex tara jekk tribunal jistax ikun imharrek jew le ghandu jkun jekk dak it-tribunal hux immexxi minn imhallef jew magistrat. L-imhallfin u l-magistrati ma jistghux ikunu mharrkin biex iwiegbu ghall-ghemil gudizzjarju taghom mhux ghax din l-immunita' hija xi privilegg taghhom izda ghax hija mehtiega ghall-harsien ta' l-indipendenza taghhom. Tribunal amministrattiv, meta jaghti decizjoni dwar id-drittijiet civili ta' min jidher quddiemu, ukoll ghandu jkollu l-kwalitajiet ta' tribunal indipendenti, wkoll meta ma jkunx immexxi minn imhallef. Ghalhekk, la t-tribunal innifsu u lanqas il-membri tieghu (sakemm ma tingibx xiehda ta' ghemil doluz, ghax *fraus omnia corrumpit*) ma jistghu jkunu mharrkin biex iwiegbu ghall-ghemil gudizzjarju taghhom.

Id-dmir li johloq l-istrutturi mehtiega - sew jekk dawn ikunu qrati kif ukoll jekk ikunu tribunali amminsitrattivi mmexxija minn imhallfin jew magistrati jew minn gudikanti mhux togati - sabiex jitharsu d-dispozizzjonijiet ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem huwa dmir ta' l-istat. Jekk dik l-istruttura - fil-kaz tallum il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar - jonqos li jhares dawk id-disposizzjonijiet fondamentali, ikun l-istat li jwiegeb ghal dak in-nuqqas. Ghalhekk, kontradittur legittimu skond id-dispozizzjonijiet

ta' l-art. 181B(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huwa l-Avukat Generali f'isem il-Gvern ta' Malta.

L-eccezzjoni ta' illegittimita' mressqa mill-Avukat Generali hija, ghalhekk, michuda.

L-Awtorita' ta' l-Ippjanar u l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp b'ebda mod ma jwiegbu ghall-ghemil tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, li huwa indipendenti minnhom. Huwa minnu li l-awtorita' u l-kummissjoni ghandhom interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri, u dan l-interess kien jillegittimahom biex jitolbu taht l-art. 960 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jidhlu fil-kawza *in statu et terminis*, izda, billi ma jistghux ikunu kundannati biex iwiegbu ghall-ksur ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, ma setghux ikunu mharrkin biex iwiegbu ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Il-qorti ghalhekk tehles lill-intimati l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp mill-harsien tal-gudizzju, u tordna li l-kawza tkompli miexja kontra l-Avukat Generali f'isem il-Gvern ta' Malta.

Dwar l-ispejjez ikun hemm decizjoni fis-sentenza finali, izda l-ispejjez ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp ghandu jhallashom ir-rikorrent."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-Avukat Generali talab u akkwista l-awtorizzazzjoni ta' l-Ewwel Qorti biex jappella minn dan id-digriet qabel jitkompla s-smigh tar-rikos kostituzzjonali. L-Avukat Generali fir-rikors ta' l-appell tieghu jsostni l-eccezzjoni tieghu preliminari illi hu

ma hux il-legittimu kontradittur ghaliex l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 kien applikabbli biss "*f'dawk l-atti gudizzjarji illi minhabba n-natura tat-talba taghhom ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed mill-Kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern*." L-Avukat Generali ssottometta wkoll illi "*Kemm il-Kummissjoni ghal-Kontroll ta' l-Izvilupp kif ukoll l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kellhom min jirrapprezentahom fil-kawza u li ghalhekk ma kienx hemm htiega li jigi citat l-Avukat Generali.*"

Jinghad mill-ewwel a skans ta' ekwivoku u biex il-konsiderazzjoni tal-Qorti tigi sewwa ndirizzata illi din l-eccezzjoni preliminari setghet taghmel sens meta inghatat inizjalment in kwantu l-Avukat Generali forsi ma kienx konsapevoli tal-fatt li hu kien qieghed jigi mharrek biex jirrispondi ghall-operat tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, ipprezuma li seta' kien imharrek biex jirrapprezenta l-Kummissjoni ghal-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar - anke jekk ir-rikors fih innifsu kien jispecifika li l-ilment Kostituzzjonali kien wiehed ta' nuqqas ta' smigh xieraq mill-Bord ta' l-Appell. Mhux kontestat illi l-Kummissjoni ghal-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ma kienux Tribunali. Kienu biss organi amministrattivi illi jiehdu decizjonijiet li kienu soggetti ghall-iskrutinju u sindakabbli

minn tribunal imparzjali w indipendenti, f'dan il-kaz mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Gustament allura dak iz-zmien l-Avukat Generali in kwantu kien qed jirreferi ghar-rapprezentanza ta' dawn iz-zewg entitajiet irrileva illi dawn kellhom min jirrapprezentahom u ma kienx hemm il-htiega li jigi citat l-Avukat Generali.

Fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors quddiem l-Ewwel Qorti pero', kif ukoll u aktar, mis-sentenza appellata jidher car illi l-ilment tar-rikorrent appellat kien dirett lejn l-operat tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u kien biss dan l-aspett tal-kwistjoni li kien jehtieg li jigi konsidrat. L-Avukat Generali jistrieh fuq sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta' Novembru 1996 fil-kawza fl-ismijiet "Victor Bonavia vs Awtorita' ta' l-Ippjanar" - ukoll moghtija in Sede Kostituzzjonali fejn hekk intqal:

> "*Ma hemmx dubju li tribunal jew qorti presjeduta jew komposta minn imhallef jew minn magistrat ma tistax tkun parti f'kawza, anke ta' natura kostituzzjonali, fejn ikun qed jigi sindakat l-operat ta' dak it-tribunal jew qorti. Tali kawza trid issir jew kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Il-pozizzjoni hija differenti ghal dak li jirrigwarda tribunali amministrattivi, cioe' li la jkunu presjeduti u lanqas komposti minn imhallfin jew magistrati. Ma hemm xejn fil-ligi jew fil-gurisprudenza li, bhala regola, josta li tali tribunal ikun parti f'kawza, aktar u aktar meta si tratta ta' kawza kostituzzjonali. Il-Qorti ezaminat id-disopsizzjonijiet ta' l-Att Numru I ta' l-1992 u*

*b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tieghu, u ma tara li hemm xejn li b'xi mod jimpedixxi li l-Planning Appeals Board jigi mharrek f'kawza kostituzzjonali, cioe' bhala parti fil-kawza.*"

Din il-Qorti ezaminat il-kwistjoni w issib illi ma tistax taqbel ma' din il-motivazzjoni kif impostata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

**1.** L-ilment kostituzzjonali taht ezami hu bazat fuq allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq kif protett taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319). F'dawk id-disposizzjonijiet kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ma tillimitax il-jedd fundamentali ta' smigh xieraq ghal dawk il-proceduri li jsiru quddiem Qorti presjeduti minn Imhallfin jew Magistrati.

Fil-kawza fl-ismijiet "Cecil Pace vs l-Onorevoli Prim Ministru et" deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru 1997 jinghad hekk:

"*Tribunal jew, kif grafikament espress fil-Kostituzzjoni "awtorita' gudikanti" imwaqqaf b'ligi biex ikun jista' jikkwalifika bhala tali jehtieg li jkun karatterizzat bil-fatt li jkun korp b'funzjoni gudizzjarja bil-fakolta' li jiddetermina*

*u jiddeciedi materji li skond dik il-ligi jaqghu fil-kompetenza tieghu. Hu korp li jehtieg li jipprocedi skond ir-regoli precizi u ben stabbiliti fil-ligi li tikkostitwih u li jiddeciedi skond dawk ir-regoli. Ghandu jkollu l-poter li jorbot lill-partijiet li jidhru quddiemu in kontestazzjoni w id-decizjoni tieghu jehtieg allura li jkollha effett vinkolanti anke jekk mhux necessarjament b'mod finali. Mill-banda l-ohra dan il-korp mhux necessarjament ikun jifforma parti mill-istruttura gudizzjarja ordinarja pero' jrid jinkorpora fih dawk il-karatteristici fondamentali assocjati mal-process gudizzjarju li jkunu jiggarantixxu smigh xieraq fosthom dak il-minimu ta' indipendenza w imparzjalita' essenzjali biex juru li mhux biss il-gustizzja tkun qed issir sewwa u kif mistenni imma li jkun hemm jidher fid-dieher li hekk ikun qed isir. Dan l-insenjament gie elaborat mhux biss mill-gurisprudenza nostrana - kif indikat fis-sentenza tal-Prim'Istanza - imma wkoll minn dik tal-Qorti Ewropeja.*"

**2.** Dak il-minimu ta' indipendenza w imparzjalita' kien indubbjament jikkomprendi qabel kollox il-protezzjoni ta' l-aggjudikatur minn kull forma ta' pressjoni jew skrutinju konsegwenzjali ghall-azzjoni diretta ta' xi parti in kawza u li kien is-suggett tal-gudikat tieghu. L-aggjudikatur seta' biss ikollu l-operat tieghu soggett ghar-revizjoni ta' tribunal iehor jew qorti li hi stess tkun munita bl-istess garanziji ta' imparzjalita' w indipendenza. Hu proprju ghalhekk li dawn il-Qrati dejjem kienu geluzi li jassiguraw illi bhala regola u sakemm ma tkunx tirrizulta xi responsabbilita' personali addebitata lill-gudikant fit-terminu wiesgha tal-kelma, dan ma kellux jigi assoggettat li jigi mharrek lanqas bhala xhud quddiem Qorti ohra biex jirrispondi ghal mod kif ikkonduca l-

proceduri quddiemu. Il-principju kellu jkun illi kienu l-verbali fl-atti li jikkostitwixxu l-prova tar-*res gestae* quddiem it-tribunal. Regola allura li ssir biss eccezzjoni f'dawk il-kazijiet estremi fejn in-nuqqas ta' prova *aliunde* kienet tinnecessita' kjarifika mill-gudikant f'pocessi fejn si tratta ta' lezjoni ta' jedd fondamentali. Dan ghax kjarament f'kazijiet bhal dawn l-interess suprem tal-gustizzja hekk ikun jirrikjedi. (Ara "Goldvest Company Limited vs Attorney General et" deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2001).

**3.** Fil-kawza fl-ismijiet "L-Onorevoli Lino Debono vs Magistrat Dottor Michael Mallia" deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Frar 1990 gie hekk ritenut:

> "*Issa huwa ovvju li din l-indipendenza u din l-imparzjalita' tigi annjentata jekk gudikant ikun huwa stess soggett ghal xi azzjoni bhala konsegwenza tax-xoghol tieghu ta' gudikant. Ma jistax ikun hemm indipendenza w imparzjalita' f'gudikant jekk huwa stess ikun soggett ghall-proceduri.*
>
> *Din l-indipendenza tal-gudikatura u magistratura hija rikjesta mill-Kostituzzjoni fl-interess ta' l-istess amministrazzjoni tal-gustizzja ghaliex ma jistax ikun hemm vera amminsitrazzjoni tal-gustizzja jekk il-gudikant ma jkunx indipendenti meta jigi biex jiggudika. ......*"

**4.** Din il-Qorti telabora inoltre - u dan ma kienx in kontestazzjoni fil-kawza appena citata - illi tali imparzjalita' w

indipendenza l-Kostituzzjoni w il-Konvenzjoni jirrikjeduha u jesiguha mhux biss fir-rigward tal-Qrati ordinarji imma wkoll f’kull tribunal jew awtorita' gudikanti li huma mwaqqfa b'ligi u moghtija kompetenza illi jiddeterminaw id-drittijiet u l-obbligi civili. Dan ghandu jkun pacifiku ghax jirrizulta b'mod car fid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li bl-ebda mod ma jiddiskriminaw fir-rigward ta' l-indipendenza u l-imparzjalita' bejn il-Qrati ordinarji u tribunali ohra statutorjament kostitwiti.

**5.** Ezami ta' l-Att Numru I tal-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp u partikolarment tad-disposizzjonijiet li jipprovdu ghat-twaqqif u funzjonijiet tal-Bord ta' l-Appell kellu facilment iwassal ghal konkluzzjoni illi dan il-Bord kellu gurisdizzjoni specjali w esklussiva biex jisma' u jiddeciedi appelli maghmula minn min ihossu aggravat b'decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar kull haga ta' kontroll ta' l-izvilupp inkluz it-twettiq ta' dak il-kontroll. Inkluz allura d-determinazzjoni ta' jeddijiet li johorgu mill-provvedimenti ta' dak l-Att u li dwarhom ikun hemm decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Mhux kontestat mill-appellanti li dan huwa tribunal imparzjali w indipendenti li jikkwalifika bhala "awtorita' gudikanti" u li d-decizjonijiet tieghu huma vinkolanti fuq il-partijiet in kawza:

bhala regola minn naha wahda l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u mill-banda l-ohra cittadin privat. Is-sub-inciz (2) ta' l-Artikolu 15 ta' l-Att infatti jipprovdi illi:-

> "*(2) Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri).*"

Indubbjament allura dan il-Bord, ghalkemm ma jifformax parti mill-istruttura gudizzjarja ordinarja, jinkorpora fih dawk il-karatteristici fondamentali assocjati mal-process gudizzjarju biex jiggarantixxu smigh xieraq minn tribunal indipendenti w imparzjali. Ma kien hemm allura l-ebda raguni ghaliex ma kellhomx japplikaw ghalih l-istess garanziji kostituzzjonali applikabbli ghall-qrati ordinarji biex jigi assigurat proprju s-smigh xieraq li l-Kostituzzjoni w il-Konvenzjoni jesigu bhala jedd fondamentali ta' l-individwu.

Din il-Qorti allura tirritjeni illi hija korretta l-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi *una volta* tribunal amministrattiv, imwaqqaf b'ligi, ma jistax jigi mharrek sabiex iwiegeb ghall-ghemil gudizzjarju tieghu allura jkun mehtieg illi xi hadd jirrispondi ghalih fejn dan l-ghemil ikun qieghed jigi attakkat gudizzjarjament. L-Ewwel Qorti rriteniet illi *una volta* kien id-dmir ta' l-Istat li johloq l-istrutturi gudizzjarji bhal ma huma l-

Qrati w it-Tribunali, kien l-Istat li kellu jwiegeb ghan-nuqqasijiet fl-ghemil gudizzjarju ta' dawn l-istrutturi u dan finalment sabiex tibqa' dejjem tigi mharsa l-indipendenza taghhom essenzjali ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja.

Stabbilit dan il-Qorti jibqalha l-kompitu li tiddefinixxi min kellu jkun azzjonabbli biex jirrispondi ghall-allegata lezjoni tal-jedd fondamentali u min kellu guridikament jirrapprezenta l-Istat f'azzjoni ta' din ix-xorta.

Din il-Qorti fil-kawza "Simon Brincat vs Prim Ministru et" deciza fit-30 ta' Mejju 1990 irriteniet illi:

> "*Billi salv dak li hemm eccettwat taht il-Kostituzzjoni, l-Istat huwa azzjonabbli ghal allegat ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u libertajiet fondamentali, il-Qorti waslet ghal konkluzzjoni li l-Prim Ministru huwa azzjonabbli f'kazijiet simili. L-Istat, infatti, jittratta mac-cittadin taht forma ta' Gvern u,kif inghad,ir-responsabbilta' tal-Gvern f'sens kolletiv jerfaghha l-Prim Ministru. S'intendi f'diversi kazijiet jista' jkun hemm persuni pubblici ohra li jistghu jkunu azzjonabbli.*"

(Ara wkoll "Joseph Abela vs Prim Ministru et" deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Dicembru 1990; "Lucien Stafrace noe et vs Agent Registratur tal-Qrati et" deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Novembru 1988; u "Carmelo sive Charles Delia et vs Ir-

Registratur tal-Qrati et" deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' April 1990.)

**6.** Bl-introduzzjoni ta' l-Artikolu 181B fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili hafna mill-incertezza fir-rigward tar-rapprezentanza tal-Gvern f'azzjonijiet gudizzjarji giet eliminata w allura l-gurisprudenza f'dan ir-rigward kellha tinqara fid-dawl ta' din id-disposizzjoni. Dan l-Artikolu jipprovdi illi l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Dana bhala regola principali. Is-sub-inciz (2) ta' dan l-Artikolu jipprovdi illi l-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li <u>minhabba n-natura tat-talba</u> ma jkunux jistghu jkunu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-Kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern. Issa hu ovvju illi meritu bhal dak taht ezami li jimputa lezjoni ta' jedd fondamentali konsegwenzali ghall-process gudizzjarju ma kenitx tinvolvi talba tan-natura li setghet tkun diretta kontra xi wiehed jew aktar mill-Kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern.

Irriteniet allura sewwa l-Ewwel Qorti illi f'kazijiet bhal dawn kellha tkun applikabbli din id-disposizzjoni li kienet intiza

proprju biex tassigura li l-Gvern ikun dejjem rapprezentat mill-Avukat Generali fejn dan ma kienx previst xort'ohra mill-ligi jew fejn it-talba ma tistax tkun diretta kontra xi Kap ta' Dipartiment jew iehor. L-Avukat Generali allura ghandu "*a ... right - duty of judicial representation*" u jirrapprezenta lill-Gvern kull fejn dan ma setax ikun b'mod iehor skond il-ligi rapprezentat. Is-sottomissjonijiet ta' l-Avukat Generali fir-rikors ta' l-appell ma jirrizultawx ghalhekk sostnuti.

Ghal dawn il-motivi u ghal motivi dedotti mill-Ewwel Qorti l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. L-atti qed jigu rimessi lill-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Spejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu kif gia' mill-Ewwel Qorti decizi, dawk ta' dan l-appell ghandhom ikunu a karigu ta' l-appellanti.

Deputat Registratur

rf.